# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-15 ta' Diċembru 2006

## li tistabbilixi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti

## *(BĊE/2006/22)*

(2007/43/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 28.3,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/6 tat-22 ta' April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti [1] ddeterminat kif u safejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "il-BĊNi parteċipanti") kellhom l-obbligu li jħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Mejju 2004.

(2) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissieħbu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2] tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-BĊE (minn issa 'l quddiem l-"ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-"iskema kapitali" rispettivament).

(3) Il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun EUR 5 760 652 402,58 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

(4) L-iskema kapitali mkabbra teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2004/6 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u li tiddetermina kif u safejn il-BĊNi parteċipanti huma obbligati biex iħallsu l-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

(5) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007 [3], id-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 [4] hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

(6) Skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/30 tat-30 ta' Diċembru 2006 tal-ħlas tal-kapital tal-Banka Slovenije, it-trasferiment ta' l-assi barranin tar-riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-qagħdiet tal-Bank Ċentrali Ewropew [5] il-Banka Slovenije huwa obbligat iħallas il-kumplament tas-sehem tiegħu tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, wara li jqis l-iskema kapitali mkabbra,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Daqs u forma tal-kapital imħallas**

Kull BĊN parteċipanti għandu jħallas is-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE kollha kemm hi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. Wara li jitqies l-ippeżar ta' l-iskema kapitali deskritt fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21 kull BĊN parteċipanti għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN parteċipanti | (EUR) |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 142 334 199,56 |
| Deutsche Bundesbank | 1 182 149 240,19 |
| Bank of Greece | 104 659 532,85 |
| Banco de España | 434 917 735,09 |
| Banque de France | 828 813 864,42 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 51 183 396,60 |
| Banca d'Italia | 721 792 464,09 |
| Banque centrale du Luxembourg | 9 073 027,53 |
| De Nederlandsche Bank | 224 302 522,60 |
| Oesterreichische Nationalbank | 116 128 991,78 |
| Banco de Portugal | 98 720 300,22 |
| Banka Slovenije | 18 399 523,77 |
| Suomen Pankki | 71 708 601,11 |

[1] ĠU L 205, 9.6.2004, p. 7.
[2] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.
[4] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.
[5] Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Minħabba li kull BĊN parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Banka Slovenije, diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006, skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/6, kull wieħed minnhom, bl-eċċezzjoni tal-Banka Slovenije, għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1. Il-ħlas tal-kapital mill-Banka Slovenije huwa rregolat bid-Deċiżjoni BĊE/2006/30.

2. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom ikunu magħmula skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/23 tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2004/6 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/6 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

([1]) Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.